**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Perit Carmelo Bonanno

*versus*

*John Bartolo et*

**Spoll - *Actio Spolii* - Spoll Privileġġat - Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-Ewwel Qorti li sabet illi rriżulta spoll u ordnat ir-reintegrazzjoni fil-pussess.*

Il-Qorti:-

Fis-27 ta' Frar, 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-segwenti sentenza li biha ordnat li l-attur jiġi reintegrat fil-pussess li minnu ġie spoljat;

"Il-Qorti:-

Din il-kawża hija konnessa ma' ċitazzjoni oħra numru 1179/94 NA fl-ismijiet inversi;

Dawn il-kawżi, it-tnejn jappartjenu minn dawk it-tip ta' kawżi bejn ġirien tal-proprjetajiet agrikoli kontigwi, fejn kawża twassal għal oħra u l-proliferazzjoni ta' kawżi tieħu s-somiljanza għal battalja fewdali;

Bażikament din il-kawża hija bbażata fuq l-*actio spolii*;

L-attur isostni li huwa l-possessur ta' l-għelieqi tal-Qammiegħ, fil-kuntrada l-Qammiegħ limiti tal-Mellieħa;

Il-konvenuti b'mod abbużiv u illegali għaddew pajp tal-plastik bid-drip, tul ir-raba' ta' l-attur u minn fuq l-għelieqi tiegħu;

Dan il-pajp għad-*drip* ġie mpoġġi fuq kanal ta' l-ilma ta' l-attur u minn fuq l-għelieqi tiegħu;

Dan il-pajp għad-*drip* ġie mpoġġi fuq kanal ta' l-ilma ta' l-attur, u għalhekk huwa ma setax isaqqi parti sostanzjali mir-raba' tiegħu;

Il-konvenuti nterpellati biex jirripristinaw l-istat tal-fond kif kien qabel baqgħu ma għamlu xejn;

Fl-istess ċitazzjoni u dikjarazzjoni ġuramentata l-attur isemmi r-raġunijiet għax hu jsostni li l-konvenuti mxew bil-mod li huma mxew u d-danni li hu qed isofri. Il-Qorti però tista' tgħid li għal fini ta' din l-azzjoni dawn ir-raġunijiet u dawn id-

danni huma ferm sekondarji;

Il-mogħdija ta' dan il-pajp huwa ndikat mill-attur f'ċerti ritratti li hu esebixxa u li jinstabu a fol. 5 tal-proċess;

Fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom u d-dikjarazzjoni ġġuramentata, il-konvenuti eċċepew:

Illi waqt li Antonia Bartolo, Helen Bonanno u Maria Fenech għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju, peress illi f'kawża ta' spoll, il-konjuġi mhumiex il-leġittimu kontradittur i;

Li l-ispoll ma sarx; u

~~Li huma għandhom id-dritt jgħaddu l-ilma minn fuq l-art~~ ta' l-attur;

Dan id-dritt ilu żmien twil jeżisti u jiġi eżerċitat u jagħti l-pussess ta' dan il-kanal lill-konvenuti u stante li kellhom dan il-pussess qatt ma setgħu kkommettew spoll;

Il-Qorti tirrimarka mill-bidu, illi l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni huma eċċezzjonijiet ta' natura purament legali;

It-tieni eċċezzjoni invece hija eċċezzjoni fattwali sa meta jiġi ddeterminat sarx l-ispoll jew le, imbagħad fuq livell sekondarju waħda legali;

L-Att numru XXI ta' *l-1993*, bl-artikolu 82 emenda sostanzjalment is-subtitolu tal-Kodiċi Ċivli, li jittratta fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti;

L-artikolu 1322, subartikolu 1, ta' l-istess Kodiċi Ċivili, kif issa emendat, hekk jipprovdi:

"*L-amministrazzjoni ordinarja ta' l-akkwisti u l-jedd lil* wiehed iharrek jew jiġi mharrek dwar din l-amministrazzjoni ordinarja, imissu lil kull wahda mill-partijiet miżżewġa";

Biex għalhekk ikun hemm in-neċessità li jitharrku ż-żewġ konjuġi, il-kwistjoni trid tkun wahda li tirrigwarda att ta' amministrazzjoni straordinarja (subartikolu 2 ta' l-artikolu 1322);

Is-subartikolu 3 jelenka dawk li huma atti ta' amministrazzjoni straordinarja;

Kif din il-Qorti kellha ġà okkażjoni tirrimarka, dawn l-atti li huma elenkati mis-subinċiż (a) sa (m) għandhom jingħataw interpretazzjoni restrittiva, għax imorru kontra l-ġeneralità tas-subartikolu (1);

Il-qorti ma jidhrilhiex li din l-eċċezzjoni odjerna taqa' taht xi wahda mis-subinċiż (a) sa (b) jew subinċiż (ġ) li jittrattaw dwar proprjetà mmobbiljari;

Il-Qorti għalhekk jidhrilha li ma kienx hemm in-neċessità li jidhru ukoll il-konjuġi f'din il-kawża u għalhekk din l-*eċċezzjoni hija milqugħa u l-istess Antonia Bartolo, Helen* Bonanno u Maria Fenech għandhom ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju, u dan spejjeż ta' l-attur, u dan minkejja li hemm l-allegazzjoni li Maria Fenech kienet ukoll responsabbli għall-att spoljattiv, però, fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-konfront ta' Maria Fenech dan ma ġiex suffiċjentement ippruvat;

Dwar it-tielet eċċezzjoni l-Qorti tikkunsidra li d-dritt li allegatament għandhom il-konvenuti huwa servitù ta' passaġġ ta' *ilma, bi drittijiet sekondarji, li dan iġib miegħu, biex dan id-dritt ikun jista' jintuża bħal, per eżempju, id-dritt ta' passaġġ bir-riġel biex jitnaddfu jew jissewwew l-istess kanali (artikolu 470, Kodiċi Ċivili, Kap. 16);

L-artikolu 475 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, hekk jipprovdi:

"Kull min għandu jedd ta' servitù għandu jinqeda b'dan il-jedd, skond it-titolu tiegħu u ma jistax jagħmel la fil-fond servjenti u lanqas fil-fond dominanti, ebda tibdil li jista' itaqqal mill-piż tal-fond servjenti";

Jidher mill-provi, li *prima facie*, l-istess konvenuti bl-aġir tagħhom, setgħu taqqlu l-piż għall-fond servjenti, u dan huwa suffiċjenti għal *actio spolii*;

Però, aktar radikali minn dan il-provvediment għas-soluzzjoni ta' din l-eċċezzjoni, huwa dak li hemm ipprovdut dwar dan it-tip ta' azzjoni sew fil-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 u sew fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12;

Hekk infatti jipprovdi l-artikolu 535 subartikolu (2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16:

"Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess, jiġi ordnat mill-Qorti ukoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa, li tagħha l-attur jkun bagħta l-ispoll";

U l-artikolu 791 tal-Kap. 12, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili hekk jipprovdi:

Subartikolu 1:

"Il-konvenut f'kawża ta' spoll magħmula fi żmien xahrejn, minn dakinhar li jkun sar l-ispoll, ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhux dilatorja, qabel ma jkun reġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat ewlieni u reġa' qiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel *il-parti, li tkun bagħtiet l-ispoll f'dan iż-żmien illi skond iċ-ċirkostanzi jiġi mogħti lilu fis-sentenza bla ħsara tal-jeddijiet* oħra tiegħu";

Subartikolu 2:

"Disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu ukoll fil-każ ta' kerrej li jbati l-ispoll ta-detenzjoni tal-ħaġa lilu mikrija, sew minn sid il-kera kemm minn terza persuna";

Subartikolu 3:

"Il-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew *detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll*";

Jidher għalhekk li l-pajpijiet tal-plastik ma kinux inklużi fi-servitù oriġinali. Għandhomx jew le jkunu nklużi, mhijiex materja li għandha tiġi eżaminata f'din il-kawża, iżda f'kawża oħra dwar il-meritu ta' l-estensjoni ta' l-istess servitù;

Xi teorija diversa żgur li tistultifika l-provvedimenti tal-liġi f'din il-materja (**Jane Spiteri** ***vs*** **Dr. Godfrey Gauci Maistre**, Qorti ta' l-Appell, Sede Ċivili, 30 ta' Diċembru, 1994);

Din l-eċċezzjoni għalhekk qiegħda tiġi miċħuda bl-ispejjeż *għall-konvenuti*;

Finalment, jibqa' għalhekk biex isir eżami fuq it-tieni eċċezzjoni, u dan l-ewwel mil-lat fattwali jekk effettivament sarx l-att ta' spoll;

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 1995, il-partijiet qablu li l-provi miġbura fil-kawża numru 1179/94 kellhom jgħoddu għal din il-kawża u vice versa;

L-attur Carmelo Bonanno xehed bl-affidavit, fl-14 ta' Frar, 1995, fejn fost ħafna affarijiet oħra hekk qal:

"Il-pajp huwa visibbli u għalhekk huwa estraneu u ta' ngombru għalina u għar-raba' tagħna, *ġie poġġut fuq il-kanal ta'* l-ilma tiegħi permezz ta' ġebel kbir u hekk qabdu u poġġew il-pajp fuq dan il-ġebel kull tant tul. B'dan il-mod il-familja tiegħu u jiena ma nistgħux la nsaqqu *mill-kanali ta' l-ilma tagħna stess*, la nistgħu nnadfuhom bl-imgħażqa bil-kumdità u mmexxu l-ilma, la nistgħu nsewwu xi ħsara li tista' tinqalgħalna minn żmien għal żmien u lanqas ma nistgħu nużaw l-maksra tagħna ħalli nsaqqu d-diversi partijiet tar-raba' tagħna";

Aktar tard intqal:

"Hekk kif qalli bl-inċident ħija Pawlu, l-għada filgħodu *mort fuq il-post ħalli nara x'ġara. Rajt li mhux talli għaddew* bil-pajp tad-*drip* minn ġor-raba' tagħna iżda ndunajt li fir-raba' ta' Feliċ u Maria Fenech kienu għaddew b'dan il-pajp tad-*drip* f'raba' 209 u 210, li qabel żgur li ma kienx jissaqqa' għajr permezz tal-barmil jew permezz ta' pompa ta' l-ilma mill-ispiera li hemm f'dan ir-raba'";

*Hu jgħid li minn informazzjoni li ġabar dan ix-xogħol kien* sar mill-konjuġi Fenech, minn Charlie Bonanno u minn John Bartolo;

Jgħid li l-istess konvenut Bartolo ammetta miegħu li żbalja meta kellmu però ma wegħdux li ser ineħħi l-pajp;

Il-kumplament tax-xhieda tiegħu hija kważi totalment irrilevanti għall-fini ta' dina l-kawża, ħlief li mhuwiex għal kollox ċar, jekk kienx biss il-konvenut Felix Fenech li effettivament waħħal il-pajpijiet jew kienx assistit minn martu Maria u miż-żewġ konvenuti l-oħra;

Fix-xhieda orali li ta l-istess Carmelo Bonanno, attur quddiem dina l-Qorti b'referenza għal din il-kawża hekk jgħid:

"Id-*drip* li huma għamlu fl-għalqa tiegħi ma kienx jeżisti qabel. Dawn huma għamluh fit-8 ta' Awissu, 1994, jew jekk ma sarx dakinhar dik hija l-ewwel ġurnata li jiena ndunajt bih";

U aktar tard:

"L-*aħħar darba li rajt ir-raba' tiegħi mingħajr dawn id-*drips kien fil-5 ta' Awissu";

Xehed ċertu Anthony Bartolo li għalkemm imressaq mill-konvenut jista' jitqies bħala xhud indipendenti li hekk qal:

"Jiena, fil-parti li stajt nara jiena, il-pajp li għamlu l-konvenuti għaddej fuq il-kanal. Dan il-pajp ukoll sar is-sajf li għadda. U qabel nikkonferma li ma kienx jeżisti ebda *drip* f'dawk l-akkwati";

Xehed il-konvenut John Bartolo:

"F'Awissu tas-sajf li għadda, jiena u ż-żewġ konvenuti l-oħra iddeċidejna li minn fejn għaddej il-kanal, minn fuqha

nghaddu l-pajpijiet biex naghmlu *drip irrigation*. Dan il-pajp aħna poġġejnih fuq il-kanal";

U aktar tard:

"Bonanno qatt ma tana l-kunsens biex naghmlu dan id-*drip*;

Jiena dawn id-drippijiet, jiena waħħalthom mingħajr il-permess ta' Bonanno, *però waħħalthom minn fuq il-kanal minn* fejn konna ngħaddu u minn fejn konna nieħdu l-ilma";

Xehed *ukoll Charles Borg, li mhux parti f'ebda kawża*, minkejja li kien ukoll juża l-passaġġ li ġie magħluq mill-atturi (konvenuti fil-kawża l-oħra) liema materja ser tiġi ddeterminata fil-kawża konnessa;

Huwa hekk xehed:

"Id-drip, meta kont ngħaddi jien, ma kienx jeżisti, forsi ilu sena fl-għalqa in kwistjoni, ma ilhux iżjed, u dan qiesu wara Santa Marija";

Fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 1995, xehdu kważi fl-istess sens, Joseph Borg, Anthony Debono u Maria Fenech. Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tirrepeti *siltiet mix-xhieda tagħhom*;

Il-Qorti għalhekk jidhrilha li ma għandhiex għalfejn iżżid aktar *ma' din ix-xhieda li ingħatat, li fil-gran parti tagħha hija* ammissjoni li dan ix-xogħol fil-pajpijiet sar mit-tliet konvenuti, John Bartolo, Carmelo Bonanno u Felix Fenech, però ma rriżultax suffiċjentement li sar ukoll minn Maria Fenech;

Kullma żżid il-Qorti huwa, li dak li xehdu l-partijiet ġie minnha kkostatata f'aċċess li hija għamlet fit-18 ta' Marzu, 1995;

Mill-provi miġbura, għalhekk, jirriżulta ampjament li l-elementi rikjesti mil-liġi u mill-ġurisprudenza tagħna (li ssir *referenza għaliha fin-nota ta' refrenzi tal-konvenuti li tinstab fl-atti* tal-kawża numru 1179/94 NA), jeżistu f'din il-kawża;

L-att fattwali ta' spoll sar fuq proprjetà fil-pussess ta' l-atturi (minkejja li forsi soġġetta għal servitù tal-konvenuti) u jirriżulta li huma pproponew l-azzjoni tagħhom entro x-xahrejn;

Jirrikorru għalhekk l-elementi rikjest mill-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili u 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jwaslu lil din il-Qorti, biex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi in kwantu għall-konvenuti *John Bartolo, Carmelo Bonanno* u *Felix Fenech* u għalhekk tilqa' l-ewwel talba, tikkundanna lill-konvenuti biex fi żmien ġimagħtejn mil-lum, tawtorizza lill-istess attur biex jagħmel ix-xogħol neċessarju u jneħħi huwa d-drips u dan taħt is-superviżjoni tal-perit Joseph Jaccarini;

L-ispejjeż ta' din il-kawża, ħlief għal dawn l-ispejjeż kif ġà diversament deċiżi, huma a kariku ukoll ta' dawn l-istess konvenuti";

Utili li jiġi riprodott l-elenku tal-fatti li l-appellanti taw fir-rikors ta' *l-appell* tagħhom għaliex dawn jiffaċilitaw il-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti mhux biss għaliex dawn il-fatti li ma jidhirx li huma kontestati imma ukoll u l-aktar għaliex minn dawn l-istess fatti jidhru ammessi elementi ta' l-*actio spolii*. L-appellanti jiddeskrivu hekk fil-qosor il-fatti tal-kawża:

"Il-konvenuti għandhom diversi għelieqi f'Tal-Qammiegħ,

limiti tal-Mellieħa, u jgawdu servitù ta' passaġġ fuq għalqa li qiegħda f'idejn l-attur. Dan il-passaġġ jikkonsisti kemm billi jgħaddu l-ilma kif ukoll jgħaddu bir-riġel u l-inġenji. Il-konvenuti u l-antenati tagħhom ilhom fil-pussess f'idejhom ta' dan il-passaġġ ta' ilma 'l fuq minn mitt sena;

Waħda mis-sistemi moderni ta' kif jissaqqew l-għelieqi hija dika hekk imsejħa tad-*drip* konsistenti filli l-ilma jiġi ttrasportat *mill-ispiera għal għalqa permezz ta' pajp u mhux bil-*kanali tal-ġebel. Din is-sistema tipprovdi ukoll il-benefiċċju illi l-ilma jkun jista' jitwassal f'livell aktar għoli mis-sors tiegħu a kuntrarju tal-kanal tal-ġebel fejn allura l-ilma jrid jibqa' sejjer dejjem f'livell aktar baxx. Għalhekk il-konvenuti bħala l-possessuri tal-kanali tal-ġebel u bl-intenzjonijiet l-aktar leġittimi għaddew pajp tad-*drip* minn fuq il-kanal mingħajr ma ngumbrawh, liema pajp għaddewh mingħajr ebda intenzjoni li joħolqu xi preġudizzju lill-attur kif fil-fatt lanqas ħolqu. Min-naħa tiegħu l-attur odjern, bl-intenzjoni li jwaqqaf lill-konvenuti mill-użu u pussess ta' dan il-passaġġ, bena żewġ ħitan sabiex imblokka l-passaġġ ta' mal-kanal ta' l-ilma għall-konvenuti. Difatti fil-kawża l-oħra fl-ismijiet **Felix Fenech** *et vs* **Carmelo Bonanno** *et* (Ċitaz. nru. 1179/94 NA) li ġiet ittrattata u deċiża *flimkien ma' dik preżenti, l-attur odjern, allura konvenut f'dik* il-kawża flimkien ma' ħuh, instabu ħatja li kkommettew spoll peress illi skond huma stess bnew dawk il-ħitan sabiex jimpedixxu lill-konvenuti odjerni milli jgħaddu mill-passaġġ *de quo*";

Hu ċar illi ż-żewġ azzjonijiet fl-ismijiet inversi, għalkemm bejn l-istess partijiet u jinvolvu episodji fi kwadru ta' piki familjari jirrigwardaw ċirkostanzi separati u distinti u *għandhom jiġu hekk ikkunsidrati mill-Qorti. L-eżitu ta' kull* waħda minn dawn il-kawżi la hu konness u lanqas b'xi mod jiddependi mill-eżitu ta' l-oħra. L-unika raġuni għaliex dawn il-kawża mxew flimkien hija waħda ta' mera konvenjenza għaliex

kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll il-kontendenti dehrilhom li jkun utili għal kulħadd li ż-żewġ kawżi jinsemgħu kontestwalment. Oltre dan iż-żewġ proċeduri huma għal kollox separati u l-Qorti trid tikkunsidra jekk l-allegazzjonijiet ta' l-attur kif ippruvati f'din il-kawża kinux jew le jikkostitwixxu spoll vjolent u abużiv tad-drittijiet tiegħu;

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu li l-Ewwel Qorti jidher li ma evalwatx biżżejjed il-portata tat-tieni u tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti appellanti. It-tieni eċċezzjoni kienet illi ma kienx veru illi huma kienu jingombraw il-kanal ta' l-ilma bil-pajp tad-*drip* fl-għelieqi tal-Qammiegħ, fil-limiti tal-Mellieħa, u għalhekk l-ispoll allegat mill-attur qatt ma sar. Huma jeċċepixxu dan għaliex fil-premessi tiegħu għat-talba, l-attur jgħid li dan il-pajp tad-*drip* ġie mqiegħed fuq (sottolinear tal-Qorti) il-kanali ta' l-ilma tiegħu. L-appellanti jsostnu illi l-mod kif huma għamlu dan il-pajp bl-ebda mod ma kien ifixklu fil-pussess tiegħu. Hu aċċettat anke mill-istess attur illi huma kellhom il-pussess tal-passaġġ ta' l-ilma u huma baqgħu jużaw dan l-istess pussess anke jekk b'mod divers mingħajr ma fixklu lill-attur fil-pussess tiegħu. Dan l-aggravju, fil-verità, ifisser illi l-konvenuti appellanti unilateralment iddeċidew illi jbiddlu l-modalità ta' kif kellu jiġi eżerċitat id-dritt li huma kellhom. Biex għamlu dan huma neċessarjament invadew dak li kien fil-pussess ta' l-attur kontra l-volontà tiegħu;

Issa, hu minnu illi l-liġi tipprovdi illi jista' jkun hemm tibdil fl-eżerċizzju ta' servitù, partikolarment biex jirrendu dak is-servitù anqas gravuż għall-fond servjenti. Dan id-dritt però ma jistax jiġi eżerċitat mill-possessur tal-fond dominanti b'mod arbitrarju u kontra l-volontà tas-sid servjenti u hu ċar illi f'każ ta' kontestazzjoni hi biss il-Qorti li għandha tiddeċidi l-modalitajiet ta' kif kellha tiġi eżerċitata s-servitù. Din il-Qorti ma tarax kif jistgħu l-appellanti f'kawża ta' din ix-xorta bir-retroxena familjari li tirriżulta kemm f'din il-kawża kif ukoll fil-

kawża l-oħra, *jiġġustifikaw id-disturb tal-pussess ta' l-attur billi* jsostnu illi ma kellhomx l-intenzjoni li jipprivaw lill-attur mill-pussess tiegħu. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-każ taħt eżami hu wieħed minn dawk fejn jeħtiġilha tindaga jekk fl-azzjoni ta' spoll privileġġat kinitx meħtieġa l-prova ta' l-intenzjoni spoljattiva tal-konvenut. Kwistjoni dibattuta kif sewwa jirrilevaw l-appellanti fir-rikors tagħhom imma li għadha tiġi deċiża b'mod kontrastanti anke sa riċenti;

Infatti, il-kawża **Prokuratur Legali Anthony Buhagiar** *vs* **Mikiel Farrugia**, deċiża minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-11 ta' Novembru, 1997, ġie kkunsidrat illi:

"Fl-istess kuntest ma *għandux raġun fl-aggravju tiegħu (l-*appellant), rigwardanti l-allegat nuqqas ta' *animo spoliandi*. Fl-azzjoni *de quo*, ċjoè ta' spoll privileġġat, l-aspett ta' *animo spoliandi* ma jidħolx. Il-liġi tagħna hija a differenza ta' liġijiet oħra kontinentali, tali li tittutela l-pussess kontra kull spoll mingħajr il-ħtieġa tal-prova li l-ispoll ikun sar bl-intenzjoni speċifika magħrufa bħala *animo spoliandi*";

Qed tiġi ċċitata din is-sentenza biex din il-Qorti turi *illi*, kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellanti, għad hemm ġurisprudenza konfliġġenti fir-rigward tal-ħtieġa tal-prova ta' l-*animus spoliandi*, fl-azzjoni ta' spoll privileġġat u mhux għaliex hu meħtieġ f'din il-kawża li din il-materja tiġi definita. Dan għaliex kif ingħad din il-Qorti hija sodisfatta illi mill-provi kellu jidher ċar illi l-pussess ta' l-attur kien qed jiġi ddisturbat u li dan kien qed isir kontra l-volontà tiegħu abbużivament u vjolentement. Għandu jkun ċar illi jekk l-appellanti kellhom il-ħsieb u l-intenzjoni li jbiddlu l-mod kif riedu jeżerċitaw is-servitù ta' passaġġ ta' l-ilma li huma kellhom minn fuq ir-raba' fil-pussess ta' l-attur, dan ma setgħux jagħmluh jekk mhux bi ftehim miegħu jew, fin-nuqqas, bl-awtorizzazzjoni debita ta'

Qorti. Inutili li l-appellanti jsostnu illi l-attur ma ġiex spussessat minn xejn. Mhux il-każ li din il-Qorti tidħol biex teżamina jekk *il-pajp tad-drip fuq il-kanali ta' l-ilma kienx jew le qed* jostakola l-passaġġ ta' l-ilma mill-istess kanali jew jekk kienx qed itellef b'hekk it-tisqija ta' l-għalqa ta' l-attur. Li jinteressa lil din il-Qorti hu biss illi l-appellanti ddeċidew li jagħmlu kostruzzjoni (il-pajp) fil-proprjetà fil-pussess ta' l-appellat kontra *r-rieda tiegħu bil-vjolenza* u *bil-ħabi* u f'*kuntest* ta' nkwiet familjari. Jekk kienet meħtieġa l-prova ta' l-*animus spoliandi* din toħroġ mill-aġir innifsu ta' l-appellanti. Hu għal kollox immaterjali jekk bl-aġir ta' l-appellanti ġietx jew le aggravata s-servitù tal-passaġġ ta' l-ilma kif qed jippretendi l-appellat;

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti. Għall-fini tat-terminu mpost mill-Ewwel Qorti biex jiġu esegwiti x-xogħlijiet rimedjali ħalli l-attur jiġi rreintegrat fil-pussess tiegħu, dan qed jiġi stabbilit għal żmien ħmistax (15)-il ġurnata mil-lum.

---